

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.4533 — SCA/P&G European Tissue Business)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 154/08)

1. Fit-2 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>, li permezz tagħha l-iSvenska Ċellulosa Aktiebolaget SCA AB ("SCA", l-Isvezja) tikseb, fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1) (b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll uniku fuq in-negozju ta' *tissue* għall-konsumaturi Procter and Gamble plc ("P & G ECT") permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

- għall-SCA: żvilupp, produzzjoni u bejgħ ta' prodotti ta' kura personali, *tissue*, ippakkjar, karti u injam solidu u b'mod partikolari prodotti ta' *tissue* għall-konsumatur;
- Għall-P & G ECT: diviżjoni ta' negozju ta' P&G li tforni karta sanitarja, xugamani tad-dar u mkatar/imkatar tal-wiċċ fl-Ewropa.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li l-operazzjoni notifikata tista' tiġi kkunsidrata fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi interessati sabiex iressqulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4533 — SCA/P&G (European Tissue Business) fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni,  
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Brussel

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1